MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Numru 1076/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**
**Spettur Paul Caruana**

**V**

**ARNOLD CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ARNOLD CALLEJA** ta' hamsa w erbghin sena bin il-mejjet Julian u l-mejta Imelda nee Vella imwieled l-Mosta nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 1960 u residenti 'Villa Julimel', Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 148560M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-tlieta ta' Mejju 2005, u fix-xhur ta' qabel din d-data, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Matla, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, kellu fil-pussess tieghu ritratt, film,

video recording jew xbieha elettronika ndicenti bhal dawn, liema reat huwa aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, films, video recordings jew xbiehat elettronici ndicenti juru persuni taht l-eta li ma kienux ghalqu d-disgha snin.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fl-atti.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lilu nhar d-dsatax ta’ Dicembru 2005 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-dsatax ta’ Dicembru 2005, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti kienet rinfaccjata b’certifikat mediku esibit mill-avukat difensur tal-imputat nhar s-sebgha ta’ Dicembru 2005, liema certifikat mediku hu datat tlieta ta’ Dicembru 2005, rilaxxjat mill-psikjatra li jghid li l-imputat ibati minn *severe chronic depressive disorder* u minn *agarophobia*.  In oltre, l-imputat ghandu hafna piz w ghalhekk mhux f’posizzjnoi li jiccaqlaq wisq u kien

minhabba f’hekk li din il-Qorti zammet s-seduti kollha fir-residenza tal-imputat.

Illi dakinhar tal-presentata u cioe fid-dsatax ta’ Dicembru 2005, l-imputat kien irregistra ammissjoni ghal akkuzi u l-Qorti kienet innominat lil Probation Officer Tevor Calafato sabiex ihejji *pre sentencing inquiry report* dwar l-imputat sabiex jissuggerixxi lil Qorti x’inhi l-piena idoneja f’dan il-kaz.

Illik nhar d-dsatax ta’ Dicembru 2005, semghet lil imputat jixhed u jghid ghaliex kien nizzel informazzjoni pornografika minn fuq il-computer u thoss li x-xhieda tieghu hija wahda kredibbli w ghalhekk sejra taghtiha piz fl-ghoti tal-piena li ser timponi fuqu.

Il-Qorti rat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nahr d-disgha ta’ Mejju 2005 a tempo vergine tal-investigazzjoni mizmuma mill-pulizija u minn ezami tal-istess, jirrizulta l-ko-operazzjoni totali bejn l-imputat u l-Prosekuzzjoni.

Illi nhar d-disgha ta’ Jannar 2006, il-Qorti giet infurmata verbalment li Tevor Calafato m’ghadux jahdem bhala Probation Officer w ghalhekk issostitwiet lil istess bi Probation Officer iehor Ivan Sultana li kellu l-istess fakultajiet moghtija lil Trevor Calafato.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Frar 2006, dehru l-Probation Officer Ivan Sultana, l-Ufficjal Prosekutur u l-avukat difensur tal-imputat u giet mahlufa r-relazzjoni tal- l-Probation Officer Ivan Sultana, li giet mmarkata bhala dokument IS.

Illi minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li mid-diskuzzjoni li l-Probation Officer kellu mal-konsulent psikjatra tal-imputat, l-imputat ilu jbati minn din d-*disorder* ta’ *agarophobia* ghal dawn l-ahhar ghaxar snin u fil-fatt daqshekk ilu maghluq gewwa daru tant li lanqas funzjonijiet importanti bhal funeral ta’ missieru m’attenda. Jirrizulta li l-imputat jghix fi stat ta’ semi darkness f’kamra disorganizzata ghalkemm ghalih isib r-refugju tieghu f’dan l-istat. Fiha wiehed isib ammont kbir ta’ comics, kif wkoll laptop li permezz tieghu jikkomunika mad-dinja ta’ barra.

Il-qaghad mentali tieghu hija wahda ferma prekarja u dan minhabba din d-dianjozi li ghandu.

Illi l-Ufficjal tal-Probation issuggerixxa li l-piena idoneja f'dan il-kaz hija dik ta' prigunerija sospiza.

Il-Qorti qiset c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-fedina penali netta tal-imputat.

**Il-Qorti**, rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 208A(1)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ssib lil imputat ARNOLD CALLEJA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddecidi li tikkundannah tmien xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin ai termini tal-artikiolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre, qed taghmel ordni ta'supervizjoni ai termini tal-artikiolu 28G(1) ghal perjodu kollu operattiv ta' din is-sentenza u tordna li bhala parti mill-ordni ta' supervizzjoni imsemmija, l-imputat ghandu jzomm kuntatt regolari mal-psikjatra.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notfikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat kandidat idoneju ghal tali supervizzjoni.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lil imputat wara li spjegat fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------